MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tal-15 ta' April, 2011

Numru 872/2006

**Il-Pulizija**
**(Spettur Marisa Camilleri)**

**vs.**

**Giuseppe Saliba**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Giuseppe k/a Joseph Saliba imwieled iz-Zejtun fid-9 ta’ Gunju 1956, bin Victor u Gemma nee Mifsud, residenti 70, Mosse Falls, Triq in-Nirien, Siggiewi, detentur tal-karta tal-identita 419556(M):

Akkuzat talli:

1. fit-30 ta’ Lulju 2006 ghall-habta tal-4.00p.m. waqt li kien f’Haz-Zebbug minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja t’Antonia Caruana f’perikolu car, volontarjament

ikkaguna ferita ta' natura gravi fuq l-istess persuna, liema ferita tista' ggib mankament jew sfregju jew difett permanenti f'parti tal-ghamla tal-gisem (fl-id) skond kif iccertifikaw Dr. Agnes Cachia u Dr. M. Borg tal-isptar San Luqa.

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi hebb ghall-imsemmija Antonia Caruana sabiex jingurja, idejjaqha jew jaghmilha hsara.

3. ukoll talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi waddab oggett iebes fid-direzzjoni tal-imsemmija Antonia Caruana, heddidha bil-kliem oxxen u indicenti li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.
4. u fl-ahhar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Il-Qorti giet gentilment mitluba illi f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Antonia Caruana u dan skond kif hemm indikat fl-artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Wara li rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali bis-sahha tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali, sabiex dan il-kaz jigi ittrattat bil-procedura sommarja u wara li rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat;

Wara li semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti saljenti li taw lok ghall-incident *de quo* jistghu jigu sintetizzati hekk:

1. Illi dak in-nhar tal-incident l-imputat u martu kienu (u ghadhom sal-lum) involuti fi proceduri ghal separazzjoni;
2. Illi fit-30 ta' Lulju 2006 wara nofs-in-nhar, l-imputat kien id-dar matrimonjali fis-Siggiewi u kien hemm prezenti omm il-mara tieghu Antonia Caruana, il-kwerelanta.

3. L-imputat kien qieghed jilghab mat-tfal tieghu stess, u Antonia Caruana deherilha li kien qieghed jilghab goff maghhom u waqqfitu. Kien hemm kummenti kemm ta' Antonia Caruana, kemm ta' mart l-imputat u kemm tal-imputat li rrisponda lura. Din il-kwistjoni skalat ghax l-imputat hass li kien hemm indhil zejjed min-naha tal-kunjata, u kecciha barra mid-dar.
4. Il-kwerelanta ma rieditx titlaq u l-imputat tefghala l-basket taghha barra fil-parapett. Hi marret biex tigbru u waqghet fuq xi pjanti. Il-kwerelanta tghid li l-imputat imbuttaha, waqt li l-imputat jghid li zelqet fuq il-madum. B'hekk hargu barra fil-parapett.
5. Il-kwerelanta baqghet tghid lill-imputat biex jitlaq il-barra mid-dar (matrimonjali) ghax hemmhekk ma kellu xejn. L-imputat l-ewwel qabad siggu, pero nizzlu u ma ghamel xejn bih. Imbaghad qabad kaxxa tal-plastic mimlija bil-flixken tal-hgieg tal-luminata li kienet fil-parapett u garaha. Il-kaxxa habtet mal-hajt, pero qabel habtet mal-hajt laqtet lill-kwerelanta u ghamlitilha ferita f'idha.
6. Il-kwerelanta giet iccertifikata mit-tobba li kellha *"fracture of the right radial styloid"*, *"LCW*[1] *-5cm over hypo-tenor eminence"*, it-tnejn deskritti bhala *"grievious"* u *"bruise over left loin and left posterior thigh"* deskritta bhala *"slight".*

**Il-Validita tac-Citazzjoni**

Ghalkemm ma hemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet dwar fejn gara l-incident, u cioe fil-parapett tad-dar matrmonjali tal-imputat u martu gewwa s-Siggiewi, fic-citazzjoni jinghad li l-incident sehh Haz-Zebbug. Ghalhekk tqum il-kwistjoni jekk l-imputat giex imharrek tajjeb. Ghalkemm din il-kwistjoni ma inghatatx bhala eccezzjoni formali mill-imputat, sar accenn ghal dan l-izball fit-trattazzjoni orali mill-avukat difensur tal-imputat.

[1] *Lacero contused wound.*

Illi il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Emmanuel Buttigieg** deciza fl-4 ta' Novembru 1994 irriteniet illi:
*" …..wara l-introduzzjoni ta' l-inciz (2) ta' l-artikolu 360 tal-Kodici Kriminali, li bih ic-citazzjoni ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikolaritajiet opportuni ta' zmien u l-lok, ic-citazzjoni ghadha mhix hlief avviz lill-imputat biex jidher quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Id-dettalji msemmijin dwar il-fatti ghandhom jigu ndikati fiha mhux ghall-fini tal-validita' taghha, jew tal-proceduri, kompriza s-sentenza, li jsegwuha, izda ghall-fini tal-praticita' u ta' evitar ta' telf ta' zmien, u cioe' biex l-imputat x'hin jidher quddiem il-Qorti, ikun jaf fuq hiex ikun gie mharrek, u hekk dak in-nhar stess li jidher ikun preparat biex jiddefendi ruhu ghall-imputazzjoni dedotta. L-imputazzjoni fil-kawzi sommarji hija dedotta kontra l-imputat proprjament u verament quddiem il-Qorti, u mhux fic-citazzjoni."*

Fi kwistjoni analoga ghal dik odjerna, il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha **Pulizija v. Leone Agius** deciza fit-23 ta' Gunju 2005:

*"Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fil-kawza "**Il-Pulizija vs. Martin Brincat**" [30.4.2003] fejn gie konsidrat aggravju simili u fejn ma gietx indikata bi precizjoni it-triq fejn gara l-kaz, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, c-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka w ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw u l-importanti hu li bl-uzu tad-dicitura msemmija fic-citazzjoni ikun bizzejjed biex l-appellant ikun jaf ta' x'hiex ezatt kien qed jigi akkuzat. F' dik il-kawza l-aggravju kien gie respint ghaliex – bhal f' dan il-kaz - non si trattava ta' xi belt jew rahal b' xi ramifikazzjoni kapillari tat-toroq, pjazez jew sqaqien li setghu talvolta joholqu xi dubju dwar fejn seta gara l-incident li kien qed jigi akkuzat bih l-appellant. Kien intqal ukoll f' dik is-sentenza li konsidrat il-fatt li - bhal f' dan il-kaz - l-appellant kien gie imwaqqaf minn ufficjal pubbliku li kellmu dak il-hin, aktar u aktar l-appellant ma kellux fejn*

*jitfixkel dwar fejn suppost gara l-fatt li kien qed jigi akkuzat bih."*

Fil-kaz odjern, din kienet l-ewwel darba li l-imputat kellu dan l-inkwiet mal-kunjata.[2] Ghajr ghall-izball fil-lok tal-incident, il-fatti indikati fic-citazzjoni kienu jaghtu idea cara ghall-liema incident huwa kien qieghed jigi mharrek. Fil-fatt fil-mori tal-kawza, l-avukat difensur ghamel il-kontro-ezamijiet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni, u l-imputat stess tela' jixhed dwar l-incident, minghajr qatt ma lmenta li ma kienx jaf ghall-liema incident kellu jiddefendi ruhu. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li anki f'dan il-kaz, bhal fil-kazijiet appena citati, il-vot tal-ligi dwar ir-rekwiziti tac-citazzjoni gie sodisfatt u li l-izball fl-isem tal-lok tal-incident zgur li b' ebda mod ma setgha jinduci lill-imputat dwar x' hiex kien qed jigi akkuzat u dwar liema incident kien qed jiddefendi ruhu f'dan il-kaz. Konsegwentement ghal kull buon fini, din il-Qorti qed tirrespingi l-eccezzjoni implicitament sollevata fit-trattazzjoni orali dwar ir-ritwalita tac-citazzjoni.

**Il-Meritu**

Konsegwenza ta' dan l-incident, il-kwerelanta sofriet ksur f'idejha u sfregu ta' 5cm f'idejha.

Ghalkemm jista' jkun vera li meta l-imputat waddab il-kaxxa tal-luminata fid-direzzjoni tal-kwerelanta huwa ma kellux l-intenzjoni li jikkaguna ferita ta' tali gravita, imma l-intenzjoni li jaghmel hsara indeterminata sabiex jizvoga ir-rabja u l-frustrazzjoni tieghu, il-principju regolatur f'din il-materja huwa illi *dolus indeterminatus, determinatur ab exitu.* Ghalhekk huwa l-imputat li jrid jirrispondi ghad-dannu li huwa ikkaguna bl-agir perikoluz tieghu.

Il-kwerelanta xehdet li hija damet b'idejha miksura *"4 gimghat"*[3] u ghalhekk 28 gurnata. Dan ifisser illi, minkejja dak li ccertifika t-tabib, il-ferita tal-kwerelanta ma tistax

[2] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 18 tal-process.
[3] Ara xhieda ta' Antonia Caruana a fol. 34 tal-process.

titqies gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(d) tal-Kapitolu 9, ghaliex *ex admissis* idha fieqet f'inqas minn 30 gurnata.

Mill-provi lanqas jirrizulta li l-ferita tista' iggib perikolu ta' difett permanenti f'id il-kwerelanta, u ghalhekk l-ferita ma tistax titqies gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(a)(iii) tal-Kapitolu 9.

Pero mill-provi jirrizulta li l-qasma f'id il-kwerelanta kienet ta' 5cm – u din il-*lacero contused wound* inevitabbilment halliet sfregu f'id il-kwerelanta. Konsegwentement il-ferita ghandha titqies gravi ai termini tal-Artikolu 216(1)(b) tal-Kapitolu 9.

Pero wiehed irid jikkunsidra wkoll jekk hemmx xi skuzanti ghall-agir tal-imputat. Mill-provi jirrizulta li kien hemm diga disgwid u tensjoni bejn il-konjugi Saliba, u l-intromissjoni tal-kwerelanta, omm il-mara tal-imputat, ma kienet qed taghmel l-ebda gid. Di piu, il-kliem tal-kwerelanta lill-imputat li hu kellu jitlaq mid-dar konjugali ghax ma kellu xejn, kien kliem provokattiv, intiz biex jistieden ghall-inqas reazzjoni opposta jekk mhux glieda, kif fil-fatt gara. PS 585 Joseph Bayliss xehed li meta mar fuq il-post, ftit tal-hin wara l-incident, u kellem lill-imputat, dan kien *"fi stat agitat hafna."*[4] Fis-sottomissjonijiet orali, l-ufficjal prosekutur l-ispettur Marisa Camilleri, li kienet hadet l-istqarrija tal-imputat ukoll qalet illi meta hi rat lill-imputat wara l-incident *"kien emozzjonat hafna u kien juri li huwa bniedem li gie provokat."*[5]

Ghalhekk, ghalkemm il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-ewwel akkuza, hija se tiehu in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat ikkaguna l-ferita gravi, meta kien taht l-influwenza immedjata ta' passjoni istantanja jew agitazzjoni tal-mohh illi minhabba fiha, fil-waqt tad-delitt, ma kienx jista' jqis l-eghmil tieghu, ai termini ta' l-Artikolu 230(b) tal-Kapitolu 9.

---

[4] Ara xhieda PS 585 Joseph Bayliss a fol. 22 tal-process.
[5] Ara fol. 73 tal-process.

Illi mill-provi t-tieni akkuza, u cioe li l-imputat hebb ghal Antonia Caruana sabiex jingurja, idejjaqha jew jaghmilha hsara, tirrizulta wkoll pruvata.

Rigward it-tielet akkuza, ghalkemm ma hemmx kontestazzjoni li l-imputat waddab oggett iebes fid-direzzjoni ta' Antonia Caruana, mill-provi prodotti ma tirrizultax l-akkuza li l-imputat heddidha bil-kliem, u qal kliem oxxen u indicenti li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku.

Rigward ir-raba' akkuza, u cioe li l-imputat kiser il-paci pubblika b'ghajjat u glied, din tirrizulta pruvata, billi ghalkemm l-incident beda fuq gewwa, tkompla fuq barra fil-parapett tad-dar.

## Piena

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputat agixxa taht provokazzjoni, il-fatt li huwa ikkoopera mal-pulizija u li ghalkemm il-fedina penali tieghu mhix wahda felici, fl-istess hin mhijiex wahda allarmanti.

Il-Qorti hadet ukoll in konsiderazzjoni li ghal fini ta' piena it-tieni u dik il-parti tat-tielet imputazzjoni li taghha l-imputat instab hati huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni.

## Konkluzjoni

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 216(1)(a)(iii), 216(1)(b), 216(1)(d), 230(b), 227(c), 232(a), 339(1)(d), 339(1)(b), 339(1)(e), 338(bb), 338(dd) u 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat mhux hati tal-imputazzjoni li hedded lil Antonia Caruana bil-kliem u li qal kliem oxxen u indicenti li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku u tilliberah minnha, izda issibu hati tal-imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba kontra tieghu, b'dan illi il-lok tal-incident kien is-Siggiewi u mhux Haz-Zebbug kif erronjament indikat fic-citazzjoni.

Il-Qorti qed tikkundanna lill-hati ghal piena karcerarja ta' sena, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta' tlett snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ai termini tal-Artikoli 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta' din is-sentenza u l-konsegwenzi f'kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f'kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

Ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, sabiex tipprovdi ghas-sigurta ta' Antonia Caruana, qieghda torbot lill-hati li ghal zmien sena (1) m'illum bl-ebda mod ma jikkuntattja jew jimmollestja lil Antonia Caruana, u dan b'obbligazzjoni tieghu innifsu taht penali ta' elfejn euro (€2000.00).

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------